

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1154****tal-14 ta' Lulju 2015****li japprova s-sustanza attiva sulfosulfuron, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE <sup>(1)</sup>, u b'mod parikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-approvazzjoni tas-sustanza attiva sulfosulfuron, kif stabbilit fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 <sup>(2)</sup>, tieqaf tgħodd fil-31 ta' Diċembru 2015.
- (2) Tressqet applikazzjoni għat-tiġdid tal-inklużjoni tas-sulfosulfuron fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE <sup>(3)</sup> f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1141/2010 <sup>(4)</sup> fiż-żmien stipulat f'dak l-Artikolu.
- (3) L-applikant ressaq id-dossiers supplimentari f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1141/2010, flimkien ma' spjegazzjoni fir-rigward tar-rilevanza ta' kull studju ġdid imressaq. L-Istat Membru relatur sab li l-applikazzjoni kienet sħiħa.
- (4) L-Istat Membru relatur ħejja rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid b'konsultazzjoni mal-Istat Membru korelatur u ppreżentah lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem: "l-Awtorità") u lill-Kummissjoni fil-31 ta' Mejju 2013.
- (5) L-Awtorità baġtet ir-rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid lill-applikant u lill-Istati Membri għall-osservazzjonijiet u għaddiet l-osservazzjonijiet li waslulha lill-Kummissjoni. L-Awtorità qiegħdet ukoll il-fajl supplimentari sommarju għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.
- (6) Fit-3 ta' Lulju 2014, l-Awtorità baġtet lill-Kummissjoni l-konklużjoni tagħha dwar jistax jiġi mistenni li s-sulfosulfuron jissodisfa l-kriterji għall-approvazzjoni stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Fit-12 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz tar-rapport tal-evalwazzjoni għas-sulfosulfuron lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf.
- (7) Fir-rigward ta' użu rappreżentattiv wieħed jew aktar ta' minn tal-anqas prodott wieħed għall-ħarsien tal-pjanti li fih is-sustanza attiva, kien stabbilit li ntlaħqu l-kriterji għall-approvazzjoni stipulati fl-Artikolu 4. Għaldaqstant, dawk il-kriterji għall-approvazzjoni jistgħu jitqiesu li huma sodisfatti.
- (8) Il-valutazzjoni tar-riskju għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sulfosulfuron huwa bbażat fuq għadd limitat ta' użi rappreżentattivi, li madankollu ma jillimitawx l-użi li għalihom jistgħu jiġu awtorizzati l-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom is-sulfosulfuron. Għaldaqstant huwa xieraq li ma tinżammx ir-restrizzjoni għal użi bħala erbċida.

<sup>(1)</sup> ĠUL 309, 24.11.2009, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

<sup>(3)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1141/2010 tas-7 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi l-proċedura għat-tiġdid tal-inklużjoni tat-tieni grupp ta' sustanzi attivi fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u li jistabbilixxi l-lista ta' dawk is-sustanzi (ĠU L 322, 8.12.2010, p. 10).

- (9) Għaldaqstant, huwa xieraq li l-approvazzjoni tas-sulfosulfuron tiġi mġedda.
- (10) F'konformità mal-Artikolu 20(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, flimkien mal-Artikolu 13(4) tal-istess Regolament, l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 għandu jiġi emendat.
- (11) Dan ir-Regolament għandu japplika mill-jum ta' wara l-iskadenza tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva sulfosulfuron kif imsemmi fil-premessa 1.
- (12) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**It-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva**

L-approvazzjoni tas-sustanza attiva sulfosulfuron, kif speċifikat fl-Anness I, hija mġedda, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011**

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ u d-data tal-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Japplika mill-1 ta' Jannar 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Jean-Claude JUNCKER

## ANNEX I

Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità <sup>(1)</sup>	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
Sulfosulfuron Nru tal-CAS: 141776-32-1 Nru CIPAC: 601	1-(4,6-dimetossipirimidin-2-il)-3-(2-etilsulfonilimidazo[1,2-a]piridina-3-ilsulfonil)urea	≥ 980 g/kg L-impurità rilevanti li ġejja ma għandhiex taqbeż ċertu livell limitu fil-materjal tekniku: Fenol: < 2 g/kg	fl-1 ta' Jannar 2016	fil-31 ta' Diċembru 2030	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmi fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' rieżami dwar is-sulfosulfuron, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-ħarsien tal-ilma tal-pjan, meta s-sustanza tiġi applikata f'reġ- juni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet tal-klima vulnerabbli; — lir-riskju għal makroorganiżmi tal-ħamrija mhux fil-mira għajr għall-ħniex, għall-pjanti terrestri mhux fil-mira u għall-orga- niżmi akkwatiċi.

<sup>(1)</sup> Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva jinsabu fir-rapport ta' rieżami.

## ANNEX II

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 jiġi emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti A, titħassar l-entrata 32 dwar is-sulfosulfuron.

(2) Fil-Parti B, tiżdied l-entrata 89 li ġejja:

	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (*)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"89	Sulfosulfuron Nru tal-CAS: 141776-32-1 Nru CIPAC: 601	1-(4,6-dimetossipirimidin-2-il)-3-(2-etilsulfonilimidazo[1,2-a]piridina-3-ilsulfonil)urea	≥ 980 g/kg L-impurità rilevanti li ġejja ma għandhiex taqbeż ċertu livell limitu fil-materjal tekniku: Fenol: < 2 g/kg	fl-1 ta' Jannar 2016.	fil-31 ta' Diċembru 2030.	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmi fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' rieżami dwar is-sulfosulfuron, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-ħarsien tal-ilma tal-pjan, meta s-sustanza tiġi applikata freġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet tal-klima vulnerabbli; — lir-riskju għal makroorganiżmi tal-ħamrija mhux fil-mira għajr għall-ħniex, għall-pjanti terrestri mhux fil-mira u għall-organiżmi akkwatiċi."

(\*) Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva jinsabu fir-rapport ta' rieżami.